# STUDJU DWAR SANTU WISTIN

Id-dehen kbir li bih kien imżejjen il-Patrijarka tal-Knisja, Santu Wistin, huwa xi ħaġa rikonoxxuta madwar id-dinja Nisranija kollha. Għalhekk huwa mpossibli li tifred dan il-qaddis kbir mill-Miraklu tal-preżentazzjoni taċ-Ċintura Mqaddsa mill-Madonna lil Santa Rita, omm mistika ta' Santu Wistin. Għal dan il-għan, il-provinċja Agostinjana Maltija, flimkien mal-Fakultà tat-Teoloġija ta' l-Università ta' Malta u l-"Foundation for Theological Studies" ta' l-Arċidjoċesi ta' Malta żammet it-tielet "St Augustine Lecture" għas-sena 1997.

Dawn il-*lectures* bdew fis-sena 1994 bil-għan li jwasslu lill-pubbliku Malti u Għawdxi l-aħħar żviluppi tar-riċerka fil-ħsieb, il-kitbiet u t-teoloġija ta' Santu Wistin Isqof u Duttur tal-Knisja bejn it-354 u l-430 sena wara Kristu. Il-Kelliema ewlenija tal-*lectures* kienet Dr Carol Harrison D.Phil (Oxon), *lecturer* fid-Dipartiment tat-Teoloġija fl-Università ta' Durham.

Dr Harrison hija miżżewġa lill-Professur Andrew Louth, kittieb magħruf fil-qasam tar-riċerka Patristika. L-interventi ta' Dr Harrison kienu nżammu nhar l-Erbgħa 12 ta' Frar fis-Sala P.P. Saydon ta' l-Università ta' Malta, il-Ġimgħa 14 ta' Frar filgħodu għamlet *lecture* lill-istudenti u l-*lecturing staff* ta' l-Università ta' Malta u filgħaxija fil-"Conference Room" ta' l-istess Università, is-Sibt fis-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù fir-Rabat u wara kellmet lill-Kleru tad-Djoċesi Għawdxija.

**Jikteb Rev. Edward Fenech O.S.A.**

Fl-opri ta' Santu Wistin, il-Knisja tissejjaħ "il-Ġisem ta' Kristu". It-titlu l-aktar qrib lejna "il-Ġisem mistiku ta' Kristu" li aħna mdorrijin bih fi żmienna ġie ħafna iktar tard meta bdiet issir enfasi akbar fuq l-għaqda tal-membri tal-Knisja flimkien ma' Kristu. It-terminu "il-Ġisem ta' Kristu" minkejja li hu iqsar, ikopri aktar kunċetti teoloġiċi minn dak li fih it-terminu "il-Ġisem mistiku ta' Kristu".

Santu Wistin isejjaħ l-Ewkaristija "il-Ġisem ta' Kristu". Mela Santu Wistin jinqeda bit-terminu "il-Ġisem ta' Kristu" f'żewġ sensi differenti:

a) il-Ġisem ta' Kristu fl-Ewkaristija minħabba l-fatt li l-Ħobż u l-Inbid ikkonsagrati huma tassew Ġismu u tassew Demmu;

b) u il-Knisja magħquda mar-Ras tagħha Kristu.

Minkejja li hemm frażi waħda "il-Ġisem ta' Kristu" b'żewġ tifsiriet, ma hemmx ambigwità jew tfixkil fl-opri ta' Santu Wistin biex wieħed jagħraf għalxiex ikun qiegħed jitkellem. Dan hu hekk għaliex mill-bqija tal-kliem u ta l-argument f'kull post li fih jittratta dwar il-Ġisem ta' Kristu, hu jagħmilha ċara għal kollox dwar x'hiex ikun qiegħed jitkellem.

Ħafna drabi Santu Wistin ma jinqediex bil-frażi "il-Ġisem ta' Kristu" waħedha.. Hekk, meta jkun irid jitkellem dwar l-Ewkaristija, ġie li jgħid "is-Sagrament tal-Ġisem ta' Kristu". Meta mbagħad ried jitkellem dwar il-Knisja, mhux l-ewwel darba li qal ċar u tond jew "il-Knisja, il-Ġisem ta' Kristu" jew "il-Ġisem ta' Kristu, il-Knisja." Numerikament, Santu Wistin jitkellem iżjed dwar "il-Ġisem ta' Kristu" b'riferenza għall-Knisja milli b'riferenza għall-Ewkaristija.

Santu Wistin kien jaf bil-kelma "mistiku". Fis-sens tagħna hi daħlet fit-teoloġija Kattolika fis-seklu sitta. Imma għalih il-kelma "mistiku" kienet għadha tfisser biss "misterjuż, inviżibbli, okkult". Kien għalhekk li hu ma setax jinqeda b'din il-kelma b'riferenza għall-Knisja. Hu kien iħares lejn il-Knisja bħala waħda viżibbli. Kien fis-seklu sitta li l-kelma "mistiku" bdiet tintuża fis-sens ta' "estasi tar-ruħ u r-rabta ta' din ir-ruħ ma' Alla".

Santu Wistin ma jużax il-kelma "mistiku" b'rabta mal-Knisja. Imma mbagħad hu nqeda biha b'rabta ma' l-Ewkaristija, kif jidher mill-Priedka 272. Fis-sens tiegħu, "il-Ġisem mistiku ta' Kristu" fl-Ewkaristija hu tassew "mistiku" għaliex, minkejja l-fatt li hemm tassew il-preżenza reali u korporali ta' Kristu fil-Ħobż u l-Inbid ikkonsagrati, Kristu nnifsu jibqa' inviżibbli għall-għajnejn materjali tal-bniedem.

Jekk immorru fiż-Żminijiet tan-Nofs, naraw li hemmhekk daħlet fl-użu sewwa l-frażi "il-Ġisem mistiku ta' Kristu". B'dan il-mod kien hemm mogħdija mit-tifsira Ewkaristika li kellu Santu Wistin għal tifsira Ekkleżjoloġika, jiġifieri b'rabta mal-Knisja. Bejn is-snin 1215-1220, Guliermo ta' Auxerre (c. 1150-1231) kiteb l-opra tiegħu *Summa Aurea* jew *Ġabra tad-Deheb*, stampata f'Pariġi, u fih daħħal l-għażla bejn "il-Ġisem ta' Kristu naturali" u "il-Ġisem ta' Kristu mistiku". San Tumas ta' Akwinu (1225-1274) għażel bejn "il-Ġisem ta' Kristu veru" u "il-Ġisem ta' Kristu mistiku", jiġifieri l-Knisja b'enfasi fuq il-membri tagħha u r-rabta tagħhom ma' Kristu.

L-espressjoni "il-Ġisem ta' Kristu" b'rabta mal-Knisja għandha tifsira qawwija, korporali, spiritwali u reali. Il-fatt li l-Knisja hi Ġisem ifisser li l-Knisja hi korporja u organika. Fil-fatt, wara r-Riforma tas-seklu sittax bdew jirkaċċaw l-elementi soċjali u ġerarkiċi. B'hekk l-aspett tal-Knisja bħala ġisem ħaj u organiku reġa' ħa importanza kbira.

Santu Wistin jinqeda għall-ewwel darba bit-terminu "Ġisem ta' Kristu" fix-xogħol tiegħu Dwar il-Ġenesi

Kontra l-Manikej (389-390). Hu jgħid li Kristu ħalla lill-Missier fis-sema biex niżel fl-art u deher lill-bnedmin. Imma meta għamel hekk, hu ħalla wkoll lil ommu, is-Sinagoga Lhudija, biex jingħaqad ma' l-għarusa tiegħu,il-Knisja. Hu u l-Knisja jiffurmaw Ġisem wieħed. Kristu hu r-Ras ta' dan il-Ġisem, u għalhekk ma jistax ikun hemm firda bejniethom.

Biex wieħed jifhem ir-rabta li hemm bejn Kristu u l-Knisja tiegħu fit-tagħlim ta' Santu Wistin hemm bżonn li wieħed iqis li dan il-qaddis kien iħares lejn Kristu taħt tliet aspetti.

1) Kristu, bħala l-Verb ta' Alla, hu mnissel mill-Missier sa mill-eternità u hu ndaqs miegħu fin-natura divina. Hu t-tieni Persuna tat-Trinità Qaddisa, Alla minn Alla.

2) Billi twieled minn Marija Verġni bil-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu, Kristu hu Alla magħmul bniedem fl-Inkarnazzjoni. Taħt dan l-aspett, hu għandu żewġ naturi:

a) dik ta' Alla li kienet minn dejjem; u

b) dik ta' bniedem li ttieħdet fiż-żmien mat-tnissil tiegħu hekk kif Marija qalet Iva lill-Anġlu Gabriel. Taħt dan l-aspett ukoll, Kristu hu l-Medjatur bejn Alla u l-bniedem, u hu wkoll ir-Ras tal-Knisja tiegħu, u l-Missier spiritwali ta' l-umanità.

3) Hemm ukoll Kristu 'sħiħ', u dan fl-aspett l-iktar wiesa' tiegħu. Dan hu Kristu, Alla u bniedem, magħqud bħala Ras mal-Knisja tiegħu u mal-membri kollha tagħha. Hekk, Kristu u l-Knisja jiffurmaw Ġisem wieħed ħaj u organiku li ma jistax jinfired.

Mill-prinċipju ta' l-inseparabbiltà, jiġifieri li Kristu ma jistax jinfired mill-Knisja tiegħu minħabba li hu stess ried hekk, Santu Wistin ġibed ħafna konklużjonijiet loġiċi li huma ta' attwalità u ta' ġid għalina lkoll.

Meta tnissel Ġesù fil-ġuf safi ta' Marija Verġni, tnisslet ukoll il-Knisja li kien se jwaqqaf hu stess bil-miftuħ iktar 'il quddiem, imma li ġà kienet figurata minn qabel fit-Testment il-Qadim, l-iktar minn żmien Abraham 'il quddiem. Imbagħad, meta twieled Ġesù bħala tarbija storika ġewwa Betlehem, twieldet ukoll il-Knisja li f'dak l-istat baqgħet siekta. Santu Wistin isostni li Kristu sar bniedem mhux biss biex iġib il-fidwa lill-umanità u hekk hu jsir il-Missier spiritwali tal-bnedmin minflok Adam, imma wkoll biex iwaqqaf il-Knisja bħala għajnuna għall-bnedmin li jemmnu f'Alla l-Missier u f'Ibnu Ġesù Kristu Sidna u fl-Ispirtu s-Santu li ġej minnhom.

L-Ispirtu s-Santu kien jaħdem fit-Testment il-Qadim biex jagħti l-qdusija, u qiegħed jaħdem issa kemm barra l-Knisja u kemm iżjed fil-Knisja ta' Kristu ħalli l-bnedmin kollha jsalvaw. L-Ispirtu s-Santu jagħti grazzja attwali lil kulħadd biex ikun jista' jirrikonċilja ruħu ma' Alla. Hu mbagħad jagħti grazzja santifikanti lil dawk kollha li jkunu fil-grazzja ta' Alla kemm biex jitqaddsu aktar u kemm biex ma jkunux jistgħu jitilfu l-grazzja ta' Alla.

Minħabba r-rabta tagħha mar-Ras tagħha, Kristu Alla mogħni bi qdusija intima u infinita, il-Knisja hi wkoll qaddis minkejja n-nuqqasijiet ta' diversi individwi, membri tagħha. Il-Knisja ta' issa hi temporanja u pellegrina, u għalhekk kultant titgħabba bil-ħtijiet ta' wliedha. Wara l-ġudizzju universali, il-Knisja pellegrina ssir ħaġa waħda mal-Knisja ta' l-anġli, dik perpetwa. Meta jseħħ dan, hi ma jkollha l-ebda tebgħa jew tikmixa jew ħwejjeġ minn dawn. Hi tkun tassew qaddisa għal kollox.

Minħabba l-għaqda li hemm bejn Kristu u l-Knisja, il-membri huma wkoll marbutin mal-Knisja, ma' Kristu Ras il-Knisja, u mal-membri l-oħra bħala membri ta' Ġisem wieħed. Minħabba f'hekk tikber fl-insara l-imħabba ta' l-aħwa u l-imħabba komunitarja.

L-insara li huma fil-grazzja ta' Alla, għandhom jaħdem fihom l-Ispirtu s-Santu. L-Ispirtu s-Santu jaħdem fil-membri ta' Kristu, ġustifikati minn Alla u rikonċiljati miegħu, kemm individwalment u kemm soċjalment. Min fosthom jitlef il-grazzja ta' Alla, l-Ispirtu s-Santu jaħdem fih mhux individwalment billi bħala individwu jkun dineb gravement, imma soċjalment minħabba l-għaqda li jkollu ma' l-insara l-oħra qaddisa fi ħdan il-Knisja.

Billi l-Ewkaristija hi l-Ġisem u d- Demm ta' Kristu, u billi l-Knisja ma tistax tinfired minn Kristu, il-Knisja tagħmel il-preżenza tagħha reali tassew ukoll fl-Ewkaristija. B'hekk tikber l-għaqda ta' mħabba fi Kristu u fil-komunitajiet fost dawk kollha li jieħdu sehem fis-sagrifiċċju tal-Quddiesa u jipparteċipaw attwalment fit-Tqarbin qaddis fl-istess azzjoni liturġika Ewkaristika.

Il-Knisja, min-naħa tagħha, qiegħda tagħti ħajja storika lil Kristu li twieled f'Betlehem, li mar maħrub fl-Eġittu ma' Marija ommu u ma' Ġużeppi l-missier putattiv tiegħu, li għex f'Nazaret wara li rritorna mill-Eġittu, li għallem f'Ġerusalemm u fil-Galilija, u li miet wara l-jiem tal-Passjoni u rxoxta fi żmien tlitt ijiem barra l-belt ta' Ġerusalemm. B'dan il-mod, il-Knisja pellegrina li għadha teżisti storikament, qiegħda żżid il-ħajja storika ta' Kristu li min-naħa tagħha waqfet wara tlieta u tletin sena ta' eżistenza fid-dinja. B'hekk, Kristu storiku bħala Ras il-Knisja, dalwaqt jagħlaq elfejn sena ta' ħajja fi-dinja.

B'dan il-mod, rajna li r-rabta li hemm bejn il-Knisja u r-Ras tagħha hi ta' ġid għal kulħadd skond il-konklużjonijiet li joħorġu minn din l-għaqda li ma tinħallx billi Kristu nnifsu riedha li tkun hekk.